

2) Interpretazzjoni tal-kunċett ta' sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet

- 2-1 X'inhu kopert mill-kunċett ta' sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet imsemmi fl-Artikolu 3(10) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, li jiddefinixxi t-tagħmir ta' riduzzjoni (defeat device)?
- 2-2 Din is-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet tinkludi biss it-teknoloġiji u l-istrategġiji intiżi biex jittrattaw u jnaqqsu l-emissjonijiet (b'mod partikolari NOx) wara li dawn jinħolqu, jew tinkludi fiha wkoll it-teknoloġiji u strategġiji differenti li jippermettu li tiġi limitata l-produzzjoni ta' tagħhom mill-bidu, b'hekk teknoloġija EGR?

3) Interpretazzjoni tal-kunċett ta' tagħmir ta' riduzzjoni (defeat device)

- 3-1 Dispożittiv li jidentifika kull parametru marbut mal-iżvolġiment tal-proċeduri ta' approvazzjoni stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 715/2007, għall-finijiet ta' attivazzjoni jew ta' aġġustament 'il fuq, matul dawn il-proċeduri, tal-funzjonament ta' kull parti mis-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet, u b'hekk tinkiseb l-approvazzjoni tal-vettura, huwa tagħmir ta' riduzzjoni fis-sens tal-Artikolu 3(10) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007?
- 3-2 F'każ ta' risposta fl-affermattiv, dan it-tagħmir ta' riduzzjoni huwa pprojbit, b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007?
- 3-3 Dispożittiv bħal dak deskritt fid-domanda 3-1 jista' jiġi kkwalifikat bħala "tagħmir ta' riduzzjoni" jekk l-aġġustament 'il fuq tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet tkun effettiva, mhux biss waqt il-proċeduri ta' approvazzjoni, iżda anki f'ċirkustanzi speċifiċi, meta l-kundizzjonijiet eżatti identifikati biex is-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet tiġi aġġustata 'l fuq matul il-proċeduri ta' approvazzjoni jergħu jiġu identifikati matul iċ-ċirkulazzjoni reali?

4) Interpretazzjoni tal-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 5

- 4-1 X'inhu kopert mit-tliet eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(2) tal-Kapitolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007?
- 4-2 Il-projbizzjoni tat-tagħmir ta' riduzzjoni (defeat device) li jattiva jew jaġġusta 'l fuq il-funzjonament ta' kull parti mis-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet b'mod speċifiku waqt il-proċeduri ta' approvazzjoni tista' tiġi injorata għal xi waħda mit-tliet raġunijiet elenkati fl-Artikolu 5(2)?
- 4-3 It-tnaqqis tal-proċess li bih magna teqdiem jew tinstadd jiffirma parti mir-reqwiziti ta' "protezzjoni tal-magna mill-ħsara jew inċidenti" jew ta' "tħaddim fis-sigurtà tal-vettura" li jistgħu jiġġustifikaw il-preżenza ta' "defeat device" fis-sens tal-Artikolu 5(2)(a)?

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi hfef għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, p. 1).

Appell ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2018 minn Przedsiębiorstwo Produkcyjno-Handlowe "Primart" Marek Łukasiewicz mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fit-12 ta' Settembru 2018 fil-Kawża T-584/17 – Primart vs EUIPO

(Kawża C-702/18 P)

(2019/C 82/06)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Przedsiębiorstwo Produkcyjno-Handlowe "Primart" Marek Łukasiewicz (rappreżentant: J. Skořuda, radca prawny)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, Bolton Cile España, SA

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza appellata tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-intier tagħha;
- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, tat-22 ta' Ġunju 2017, fil-Każ R 1933/2016-4;
- tikkundanna lill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, u lil Bolton Cile España, SA, għall-ispejjeż sostnuti fil-kuntest tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Bord tal-Appell, u tikkundanna l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż sostnuti fil-kuntest tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Aggravji u argumenti prinċipali

- 1) Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball fl-applikazzjoni tal-Artikolu 76 (1) tar-Regolament Nru 207/2009 ⁽¹⁾ (li issa sar l-Artikolu 95 (1) tar-Regolament Nru 2017/1001 ⁽²⁾) u l-Artikolu 65 tar-Regolament Nru 207/2009 (li issa sar l-Artikolu 72 tar-Regolament Nru 2017/1001), billi jiddikjara l-argument tal-appellanti dwar l-appell dwar il-karattru distintiv dgħajef tat-trade mark preċedenti inkwistjoni fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni, inammissibbli peress li hija ġiet ippreżentata quddiem il-Qorti Ġenerali għall-ewwel darba (punti 87 sa 90 tas-sentenza appellata).
 - a. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba teżamina l-motivi, anki jekk jiġu ppreżentati għall-ewwel darba quddiemha, meta l-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea kellu jikkunsidrhom *ex officio*.
 - b. It-tifsira tal-parti ta' trade mark f'lingwa tal-Unjoni huwa fatt magħruf li, bħala tali, għandha tiġi eżaminata *ex officio* mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-mezzi biex tiġi ttrattata għandhom jiġu eżaminati bir-reqqa mill-Qorti Ġenerali, inklużi dawk invokati għall-ewwel darba quddiemha.
 - ċ. L-appellanti fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali għandha d-dritt tikkontesta l-evalwazzjoni tal-fatti magħrufa mill-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, billi tipproduċi provi ġodda insostenn ta' dawn il-motivi inkluż billi tippreżenta motivi ġodda quddiem il-Qorti Ġenerali u tipproduċi provi ġodda insostenn ta' dawn il-motivi.
 - d. Fin-nuqqas li teżamina l-mezzi li l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea kellu jikkunsidra *ex officio* (inkluż il-fatti magħrufa li għandhom x'jaqsmu mas-sinjifikat tat-trade marks kunfliġġenti fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni), il-Qorti Ġenerali kisret ir-regoli ta' proċedura ġenerali u l-evalwazzjoni tagħha tal-fatti rilevanti tal-każ quddiem il-Bord tal-Appell kienet invizzjata bi żbalji.
- 2) Jekk il-Qorti Ġenerali kienet ikkunsidrat il-fatt magħruf li l-kelma "PRIMA" għandha tifsira ta' tifħir (kif innutat mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u l-appellanti), li tfisser "l-ewwel, l-iktar importanti/l-aħjar, l-ewlenija" hija kienet tasal għal konklużjoni oħra fir-rigward tal-probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade mark PRIMA, irreġistrata bin-numru ES-2 578 815, u l-applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea PRIMART MAREK ŁUKASIEWICZ, irreġistrata bin-Nru 013 682 299, fi kliem ieħor, hija għandha tikkonkludi li ma hemm ebda probabbiltà ta' konfużjoni bejn dawn it-trade marks.
 - a. It-trade marks eżaminati jikkoinċidu fil-livell ta' element li huwa distintiv b'mod dgħajef u li ma għandux pożizzjoni indipendenti fit-trade mark ikkontestata. Dan il-fatt, flimkien ma' grad medju ta' xebh viżiv, nuqqas ta' xebh kunċettwali kif ukoll grad baxx (jew saħansitra assenza) ta' xebh fonetiku, jipprekludi kwalunkwe probabbiltà ta' konfużjoni bejn dawn it-trade marks.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1).

⁽²⁾ Regolament 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1)